HAL BALZAN

IR-RABA' SENA NRU. 23 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — MEJJU/ĠUNJU 1975

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN (23)

IL-KNISJA PARROKKJALI (11)

MINN DUN ĠWANN DIMECH

IL-KOR (3)

L-ISKULTURA TAL-KOR

Il-Ba'zanin, meta kienu qed jaraw li l-bini tal-Knisja Parrokkjali kien wasal biex jitlesta, bdew jaħsbu biex jiddekoraw il-Knisja minn ġewwa bi skultura li tixraq lit-tempju t'Alla.

L-ewwel tagħrif li nsibu dwar l-iskultura hu li l-Prokuraturi tal-Knisja, Dun Salv Debono u Dun Ġużepp Frendo, fl-1 ta' Jannar tal-1708 irċevew l-ewwel offerta għall-iskultura. Din ġiet minn għand Grezzju Debono u kienet ta' 10 skudi. Insibu wkoll li fl-10 ta' Ġunju u fl-14 ta' Awwissu ta' l-istess sena, il-Prokuraturi rċevew xi flus għall-iskultura tal-Kor minn għand Grezzju Sammut u għal darb'oħra minn għand Grezzju Debono. (1).

Is-sena ta' wara, nhar l-20 ta' Mejju 1709, saret il-Viżta Pastorali mill-Isqof David Cocco Palmieri. Meta dan l-Isqof żar il-Knisja u ta r-relazzjoni tiegħu, dwar il-Kor qal hekk: "Fil-faċċata tal-Kor kif ukoll madwar l-artal titulari, jidher li hemm bżonn li jiġi msebbaħ bi skultura oħra tal-ġebel kif jidher li jitlob li jiġi ddekorat dan il-lok. Nitolbu wkoll li dan ix-xogħol jinbeda mill-aktar fis possibbli." (2).


In-nies ta' Hal Balzan ma baqgħux lura għal din ix-xewqa li bir-raġun kollu wera Monsinjur Isqof, u għalhekk komplew jagħmlu l-kontribuzzjonijiet tagħhom biex tista' ssir l-iskultura xierqa u dekoruża biex tista' żżejjen dan il-Kor. Għalhekk naraw li fis-sena 1710, bosta kienu dawk li offrew somom ta' flus. Fost dawn insibu lil Imperja u lil Anna Frendo li bħala werrieta ta' Ġużeppi Frendo għamlu donazzjoni kbira lill-prokuraturi permezz tas-Sur Nazju Schembri. (3).

L-ISKULTURI

Mill-kotba tal-kontijiet tal-Parroċċa, sirna nafu li l-iskulturi kienu Mastru Anton flimkien ma' ibnu Pawlu, u fl-aħħar ġimagħtejn insibu wkoll lil hu Pawlu li kienu sejħulu biex igħinhom ħalli jlestu x-xogħol ta' l-iskultura tal-Kor. Kif jidher fl-Atti tan-Nutar Gio Maria Felici, Mastru Pawl fl-1713 kien irċieva mingħand il-prokuraturi tal-Knisja s-somma ta' 50 skud bħala parti mill-ħlas ta' l-iskultura. Ir-reġistri parrokkjali jgħidulna wkoll li bejn Mejju tal-1713 u Diċembru tal-1714, Mastru Pawl u missieru Mastru Anton irċevew is-somma ta' 372 skud għax-xogħol ta' l-iskultura. Ta' min jinnota li dawn l-iskulturi kienu jitħallsu bil-ġimgħa. Mastru Pawl kien jieħu sitt skudi u seba' skudi fil-ġimgħa, filwaqt li missieru Mastru Anton kien jieħu bejn żewġ skudi u sitt tari' u erba' skudi fil-ġimgħa. (4).

Il-Prokuraturi tal-Knisja, li fi żmienhom saret l-iskultura tal-Kor, kienu l-Kappillan Dun Marju Tonna, li kien laħaq Kappillan f'Settembru tal-1712, u Gian Battista Hagius. Insibu li dawn il-prokuraturi kienu qed joħorġu l-flus, mhux biss biex iħallsu lill-iskulturi u għall-materjal — kif nafu għal ma din l-iskultura nħlew seba' tmiem ġibs — iżda wkoll biex jagħtu l-kolazzjon lill-ħaddiema u għall-inbid li kienu jixtru biex jistgħu jbillu griżmejhom dawn in-nies. Tant hu hekk li fil-kotba tal-kontijiet ta' dawk il-ġranet, naraw li nxtraw daqqa ħames bramel, daqqa kartoċċ, daqqa kwarta, u xi drabi nofs nofs kwarta nbid li jkun ġie impurtat minn Sirakuża, minn Awgusta, minn Noto jew minn Spanja bħal dak ta' Vitorja.

U la qed nitkellmu dwar l-inbid, ħalli ngħidu kollox. Dan l-inbid kien jinxtara mill-ħanut ta' Duminku Formosa. Kienu jmorru jwasslu dan l-inbid sal-Knisja daqqa Ġużeppi Frendo u drabi oħra Ġanni Genuis. Forsi xi ħadd jistaqsi: "Kif ma kinux joħorġu fis-sakra, Mastru Anton u ibnu Pawlu, meta kienu jixorbu dak l-inbid kollu? Jew, kif setgħu jkomplu jqattgħu dik l-iskultura wara tant inbid?" Irrid inwieġeb u ngħid li dak l-inbid ma kinux jixorbuh weħidhom. Kien hemm ħafna ħaddiema oħra f'dawk il-ġranet jaħdmu mal-Knisja kollha. Il-Knisja f'dawk il-jiem kienet qisha tarzna. Kien hemm il-kaħħala jkaħħlu l-koppla; kien hemm mastrudaxxi jqiegħdu t-twieqi tal-koppla; kien hemm il-ballata jballtu s-saqaf tal-koppla. (5).



L-arzella stil Barokk ta' l-apside tal-Kor. Din l-Arzella tixbaħ lil dik tal-Bernini fil-Bażilka ta' San Pietru f'Ruma.

L-ISTATWI TA' SAN PIETRU U SAN PAWL

Għad li l-arkitettura tal-Knisja hi ta' Ordni Doriku perfett, l-apside tal-Kor hi ta' Ordni Kompost u l-arzella tagħha hi ta' stil Barokk. F'din l-arzella jolqtok l-għadd ta' anġli tal-ġebel ta' kull daqs u li qegħdin f'pożizzjonijiet differenti qalb sħab li qed idawwar raġġiera li f'nofsha jidher jittajjar l-Ispirtu s-Santu. Din l-arzella tixbah ħafna lil dik iċ-ċelebri arzella tal-Bernini li hemm fil-Bażilka ta' San Pietru f'Ruma.

Biex dan il-Kor ikompli jiġi mżejjen bl-iskultura, barra mill-għadd ta' xogħlijiet li żejnu lill-apside kollha, kif jixhed ir-ritratt li ġie ppubblikat fil-ħarġa li għaddiet tal-gazzetta tagħna (6), il-Kappillan Dun Marju Tonna flimkien mal-Prokuratur Gian Battista Hagius ħasbu biex ikomplu jwettqu x-xewqa ta' l-Isqof li jsebbħu l-Kor, billi bejn il-pilastri ta' l-apside jitqiegħdu żewġ statwi, waħda ta' San Pietru u l-oħra ta' San Pawl, bħalma llum naraw f'xi wħud mill-Knejjes Parrokkjali tagħna. L-ewwel ma jsemmi lil dawn l-istatwi kien l-Isqof Mons. Fra Jacobus Cannaves fil-Viżta tiegħu li għamel nhar it-28 ta' Ottubru 1716. Fir-relazzjoni ta' din il-Viżta nsibu dan li ġej: "Fil-Kor hemm żewġ statwi kbar, waħda ta' San Pietru u l-oħra ta' San Pawl. Dawn l-istatwi huwa twal sebat ixbar u kull waħda hi minquxa minn ġebla waħda." (7).

Illum dawn iż-żewġ statwi jinsabu fuq iz-zuntier tal-Knisja.

L-Isqof Mons. Alpheran De Bussan, barra milli jfaħħar il-ġmiel tal-gwarniċ skolpit fil-gebel madwar il-kwadru titulari, semma wkoll ix-xogħol artistiku u sabiħ ta' l-iskultura ta' l-apside u ż-żewġ statwi ta' San Pietru u ta' San Pawl. (8)

Illum x'baqa' minn dik l-iskultura kollha li kienet iżżejjen dak il-Kor, bħalma rajna li qal l-Isqof Alpheran? Xejn, anzi ħaġa żgħira ħafna, għax kull ma baqa' hija l-arzella tal-apside. Dak li nkiteb għal dak li ġarrbet l-iskultura tal-Knisja Parrokkjali ta' Hal Tarxien u li ġarrbu knejjes oħra, nistgħu ngħiduh għall-Knisja tagħna: "Fl-aħħar tas-seklu li għadda, il-manija li kienet bdiet taħkem f'Malta biex jillixxaw il-ħitan tal-knejjes minn dawn l-elementi dekorativi laħqet lil Hal Tarxien ... mis-sena 1890 'l quddiem il-knisja ġiet imneżżgħa minn dan it-tiżjin fil-ġebel." (9).

REFERENZI

1. ARK. PAR.: Lib 8 p. 32
2. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 14.
3. ARK. PAR.: Lib. Cit.
4. ARK. PAR.: Lib. 56 p. 223.
5. ARK. PAR.: Lib. 8.
6. HAL BALZAN: Nru 22.
7. CANNAVES J.: Visit. Past.
8. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Visit. Past. fol. 330.
9. BORG VINC.: Il-Knisja Parrokkjali ta' Hal Tarxien p. 70

JITWAQQAF IL-KUMITAT TAL-PITTURA

Il-Wisq Rev. Kan. Dun Karm Sciberras, Kappillan ta' Hal Balzan, ħatar il-Kumitat ġdid tal-Pittura, waqt laqgħa li saret fil-Każin Marija Annunzjata nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju, 1975.

Il-kumitat huwa kompost mill-membri tal-Kummissjoni Pittura, li kienet twaqqfet waqt il-laqgħa ġenerali annwali tal-Każin tal-Banda San Gabriel nhar is-Sibt, 27 ta' Lulju, 1974, flimkien mad-delegati tal-

(*jissokta f'paġna 2*)

HARĠA SPEĊJALI TAL-FESTA

Il-ħarġa Lulju/Awwissu tal-gazzetta se tkun Ħarġa Speċjali bi 8 paġni fl-okkażjoni tal-festa ta' l-Annunzjata. Infakkru lil kull min jixtieq jibgħat xi kitba għall-pubblikazzjoni li hemm żmien sa nhar il-Ħadd 22 ta' Ġunju.

RECIPES FROM MALTA

A GUIDE TO TRADITIONAL MALTESE COOKING

KTIEB TA' TISJIR TRADIZZJONALI MALTI

Issibu mingħand:

MARY'S HOUSE

7, CASTILLE PLACE, VALLETTA-MALTA

(Near Upper Barrakka Gardens)

LEADING STORE IN MALTA LACE MANUFACTURING

Souvenirs and Malta Weave, Post Cards, Ceramics, Wooden Dgħajsas, Maltese National Dolls.

A VISIT IS SOLICITED TEL. 21337

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-

KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda 'San Gabriel', Ħal Balzan.

Stampata fil-Lux Press Ħamrun.

Editorjal

★ TIFĦIR LIL MIN JISTĦOQQLU

Aktar ma jgħaddi ż-żmien in-nies aktar saret trid li l-affarijiet isiru sewwa u li jkunu organizzati tajjeb .Iż-żminijiet tal-lum donnhom dan saru jitolbuh aktar minn dari — ħaġa organizzata tajjeb x'aktarx tiġbed ħafna nies u n-nies tikkonkorri, filwaqt li jekk il-ħaġa ma tkunx organizzata tajjeb in-nies ftit titħajjar. U wieħed mill-mezzi li għandna llum biex il-Parroċċa, jew kull soċjetà oħra, torganizza ruħha tajjeb huwa l-istampa. L-aqwa siwi ta' l-istampa huwa li biha nistgħu nwasslu l-informazzjoni li nixtiequ fuq skala kbira u b'mod li jibqa', għax il-kelma miktuba ftit tintesa.

Dan qed niktbuh għax tabilħaqq għoġbitna l-idea tal-Kappillan u l-kleru tal-Parroċċa li din is-sena stampaw il-programm tal-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa u wkoll tat-tberik tad-djar fi żmien il-Għid. Dawn il-programmi tqassmu bieb bieb fid-djar kollha tal-Parroċċa. Barra dan, il-Kappillan ħaseb ukoll sabiex fit-tberik iqassam lill-familji kollha tal-Parroċċa kartonċina li fuqha, minbarra x-xbieħa ta' l-Annunzjata, hemm imniżżlin il-ħinijiet tal-Quddies fil-Ħdud u l-festi, kif ukoll il-ħinijiet u l-postijiet fejn isir it-tagħlim reliġjuż għat-tfal u għall-kbar. Hemm imniżżla wkoll in-numri tat-telefon tal-Kappillan u tal-Viċi.

Ħaġa bħal din żgur ġiet apprezzata minn kulħadd l-aktar illum meta f'Ħal Balzan qed joqogħdu nies li, billi mhux kollha jisimgħu l-quddies fil-Knisja Parrokkjali, ma jkunux jafu bis-servizzi li toffri l-Parroċċa. Nagħtu prosit lill-Kappillan u l-kleru u nixtequlhom aktar saħħa fil-ħidma tagħhom għall-ġid ta' Ħal Balzan.

★ L-AMBJENT F'ĦAL BALZAN

Mhux darba u tnejn smajna bil-kelma 'ambjent', u llum aktar minn qabel qegħdin nisimgħu b'kampanji sħaħ li qed isiru fost il-poplu sabiex jitħares l-ambjent li qed ngħixu fih. Fil-ħarġa tal-gazzetta li għaddiet ippubblikajna ittra dwar dan is-suġġett. Iżda ħaġa li jeħtieġ inżommu f'moħħna hija li l-ambjent ħafna drabi jiddependi minna jekk jitjiebx jew jitħassarx.

Waħda mill-ħwejjeġ meħtieġa biex insalvaw l-ambjent sabiħ tar-raħal tagħna hija l-indafa, li Ħal Balzan minn dejjem kien imsemmi għaliha. Mhux l-ewwel darba li ktibna dwar dan is-suġġett fil-gazzetta tagħna, iżda minn żmien għal żmien tinħass il-ħtieġa li ntambru dwar dan, għax xi kultant għadek tiltaqa' ma' rqajja' qalb l-abitat li donnhom iservu biex fihom jintrema l-ħmieġ li nkunu ħlisna minnu mid-djar. Egħmil bħal dan juri nuqqas kbir ta' edukazzjoni ċivika, barra li jixhed ukoll egoiżmu. Aħna m'għandniex inkunu kuntenti biss bl-indafa ta' djarna imma wkoll bl-indafa tar-raħal li ngħixu fih. Mhux hekk biss, imma għandna nkunu wkoll kburin bid-dehra ta' Ħal Balzan kif jidher f'għajnejn il-barranin li jżuruh.

★ IL-BRAZZI TAZ-ZUNTIER

Ħarsa lejn iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali malajr turina kemm dan iz-zuntier tabilħaqq jixraq u jsebbaħ il-knisja tagħna, imdawwar kif inhu b'dawk il-balavostri u l-koppli u ddominat mill-erba' pedestalli kbar għall-istatwi li hemm igħassu madwar il-knisja — Marija Annunzjata u l-Arkanġlu San Gabriel, u l-Appostli San Pietru u San Pawl.

L-unika ħaġa li tistona u li qed tkerraħ iz-zuntier huma dawk iż-żewġ brazzi qodma tad-dawl u li issa ilhom ma jiffunzjonaw żmien twil. Nafu li kien hemm il-ħsieb li dawn jitneħħew meta jsiru oħrajn ġodda; biss issa li l-ġodda ma sarux, nagħmlu appell biex dawn iż-żewġ brazzi qodma jitneħħew mill-aktar fis, għax aħjar b'xejn milli bihom.

★ KUMITAT TAL-PITTURA

M'ilux tħabbar li fil-parroċċa twaqqaf kumitat sabiex jieħu ħsieb ix-xogħol tal-pittura fil-Kappellun tar-Rużarju. Ma stajniex ma nifirħux bit-twaqqif ta' dan il-kumitat. Jalla dan il-kumitat iħabrek u jagħmel ħiltu kollha ħalli x-xogħol ifittex jitlesta mill-aktar fis possibbli, u b'hekk il-Balzanin ikollna x-xorti naraw titwettaq il-ħolma li ilna tant nistennew bl-akbar ħerqa.

Nota:

Ngħarrfu li għad għandna xi kopji antiki tal-gazzetta "Ħal Balzan". Għalhekk min jixtieq jikseb xi kopji minnhom jista' jkellem lil xi membru tal-Bord Editorjali, jew iċempel lis-Sur C. Bezzina — Tel. 42459.

(*jaqbad minn paġna* 1)

Kumitati tal-Każin Marija Annunzjata u tal-Każin tal-Banda San Gabriel.

Il-Kumitat tal-Pittura għamel l-ewwel laqgħa tiegħu fiċ-Ċirkolu tal-A. K. M. (fergħa rġiel) nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju, 1975, fejn ingħata t-tagħrif kollu meħtieġ dwar dan il-proġett tant għal qalb il-Balzanin.

Il-Kumitat tal-Pittura diġà beda l-ħidma tiegħu billi ltaqa' mal-Pittur, Chev. Emvin Cremona, nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju, 1975, f'laqgħa li saret fil-Każin tal-Banda San Gabriel.

Jalla dan il-Kumitat jibqa' jaħdem bla heda sabiex il-pittura tal-Kappellun tar-Rużarju tkun lesta.

MIDALJA OĦRA
GĦAS-SUR ANTHONY FENECH

Ftit taż-żmien ilu saret ġewwa Madrid fi Spanja Wirja Filatelika Internazzjonali. Din kienet il-Wirja "Espana 75", li saret bejn l-4 u t-13 t'April li għadda. Din il-wirja kienet fuq bolli in ġenerali. Għal din il-wirja daħlu diversi filatelisti minn bosta pajjiżi tad-dinja.

Il-filatelista Balzani s-Sur Tony Fenech, li diġà kellna l-okkażjoni nintervistawh in konnessjoni ma' l-istess suġġett (ara l-ħarġa Jannar/Frar ta' din is-sena), ma naqasx li jieħu parti wkoll f'din il-Wirja Filatelika, kif kien għamel f'wirjiet oħra sew nazzjonali kif ukoll internazzjonali u li fihom kellu s-sudisfazzjon li jikseb suċċessi, fosthom f'dik li saret ġewwa Poznan fil-Polonja fil-1973 (il-Wirja Internazzjonali "Polska 73") fejn huwa rnexxielu jakkwista midalja tal-bronż għall-parti mill-kollezzjoni tiegħu.

Bil-pjaċir kollu nħabbru li anke f'dil-Wirja Internazzjonali "Espana 75" il-ħabib u kollega tagħna s-Sur Fenech kiseb suċċess akbar minn dak ta' Poznan, billi din id-darba rnexxielu jitla' targa oħra u akkwista Midalja tal-Fidda. Għal din il-Wirja huwa esebixxa kollezzjoni ta' timbri fuq bolli ta' pajjiżi oħra wżati hawn Malta u ta' l-ewwel bolli ta' Malta.

Is-Sur Fenech jimmeritah li jikseb dawn l-unuri fil-kamp tal-filatelija, għax huwa bniedem li ħa bis-serjetà ferm dan id-delizzju tiegħu li huwa tant għal qalbu.

Filwaqt li nifirħulu minn qalbna għas-suċċessi li kiseb f'dan il-qasam, nixtiqulu suċċessi akbar f'wirjiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-filatelija, għax b'hekk mhux biss ikun igħolli l-ġieħ ta' Ħal Balzan, raħal twelidu, iżda wkoll dak ta' Malta, l-omm li tatu isimha.

DAWRA MA' ĦAL BALZAN

Fil-ħajja Balzanija ma ssibx differenza minn postijiet oħra għal dik li hi soċjetà. Bħal kull post ieħor huwa provdut b'każini li jieħdu ħsieb għall-edukazzjoni u rikreazzjoni tar-residenti ta' kull età. Għall-ġuvintur għandna l-klabb sportiv, football eċċ.; għal dawk li aktar jiddilettaw bil-festa titulari għandna l-każin li jieħu ħsieb l-armar u tiżjin tat-toroq li flimkien mal-każin tal-banda jaqsmu bejniethom il-parroċċa. Barra minn dan, il-Każin San Grabiel jieħu ħsieb il-ħajja mużikali. Għandna wkoll każini politiċi, u, għar-rikreazzjoni ta' kulħadd, għandna s-Sala Parrokkjali.

M'għandniex xi ngħidu, barra dawn is-soċjetajiet għandna wkoll, bħal f'kull post ieħor, l-għaqdiet reliġjużi li bħal ma jaf kulħadd l-għan tagħhom mhux biss it-tagħlim reliġjuż imma soċjali wkoll billi jsaħħu s-sens ta' responsabiltà bejn il-membri tagħhom biex ikunu jistgħu dejjem jagħżlu t-tajjeb u jiskartaw il-ħażin. B'hekk ikunu qed jikkoltivaw karattru sod, ħaġa li lkoll kemm aħna obbligati nagħmlu.

B'dan il-ħsieb ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla organizzat ġimgħa ta' propaganda kontra d-dagħa bejn l-10 u l-20 ta' Jannar li għadda, mhux għax f'Ħal Balzan għandna min jidgħi aktar minn postijiet oħra, imma anqas ma nistgħu ngħidu, diżgrazzjatament, li ma nisimgħux dagħa fostna. Matul dawn il-ġranet saru konferenzi fis-Sala Parrokkjali u fil-każini kollha; għandna pjaċir ngħidu li bla eċċezzjoni konna milqugħin tajjeb ferm b'attendenza numeruża kullimkien, u dan għandu jħalli riżultati tajba għall-futur.

Wara kollox ma hemmx bżonn ta' ħafna kliem biex wieħed jifhem kemm huwa ikrah id-dagħa. Min iġib l-iskuża tal-vizzju jkun qed jammetti li ma rażżanx ilsienu għax kieku qagħad attent mill-bidu l-vizzju ma kienx jirkbu. Imma forsi, miskin, kien jaħseb li meta jidgħi kien sa jbażża' lil ta' madwaru u tgħaddi tiegħu. Bid-dagħa ma tbażża' lil ħadd, toħroġ biss ta' pastaż, turi li ma tafx tirraġuna, tagħti gost lix-xitan, u fuq kollox toffendi 'l Alla li tant għandna bżonn l-għajnuna Tiegħu.

Biex jinqered id-dagħa jew almenu jitnaqqas it-tixrid tiegħu minn fostna hemm bżonn l-ewwel nett li ma niskandalizzawx lil uliedna billi fi djarna qatt ma jinstama' dagħa, għax it-tfal jisimgħu u jikkupjaw. Kif ikunu jistgħu l-ġenituri jikkoreġu lil uliedhom meta jidgħu huma stess? Ukoll fejn naħdmu għandna nżommu serjetà u nuru li ma neħdux gost, anzi li aħna offiżi meta nisimgħu lil min jidgħi. Iktar u iktar waqt rikreazzjonijiet; mela biex turi li qed tieħu gost hemm bżonn li tidgħi, din x'raġuni hi? Din il-kwalità ta' injoranza turik il-livell baxx li fih jaqa' min irid jimponi rġulitu bid-dagħa.

Waqt li nżommu f'moħħna li bl-aġir tagħna nuru kemm verament nemmnu f'Alla hemm bżonn li nagħmlu kuraġġ ilkoll kemm aħna u bi sforz flimkien, bl-għajnuna t'Alla, jirnexxilna nnaddfu lil Ħal Balzan tagħna minn dan il-għajb.

W.F. Bellizzi.

ITTRI LILL-EDITUR
NOTI MUŻIKALI

Sur Editur,

Kont qed inqalleb xi 'Catholic Digests' antiki u fil-ħarġa ta' Ġunju 1953 iltqajt ma tagħrifa li għall-interess tagħha qed naqleb għall-Malti.

Fiż-żminijiet tan-nofs waħda mill-għanjiet l-aktar popolari kien innu ad unur ta' San Ġwann Battista li jitkanta nhar il-festa tiegħu. Dan l-innu fil-mod tiegħu kellu arranġament li l-ewwel sillaba ta' kull vers kien jitkanta fuq skala dejjem togħla:—

Latin	**Malti**
Ut queant laxis	Agħmel li jħabirku
resonare fibres	u b'leħen għoli
mira gestorum	isemmgħu l-għemejjel tiegħek
famuli tuorum	agħti lill-qaddejja tiegħek
solve polluti	li xufftejhom huma mniġġsa
labii reatum	ħelsien mid-dnub
Sancte Joannes.	San Ġwann.

Ma' dawn is-sillabi maż-żmien żdiedet waħda, Si, u nbidlet l-Ut ta' l-ewwel vers f'Do; b'hekk saru magħrufa bħala n-noti ta' l-iskala diatonika u l-innu antik ta' San Ġwann għadu jiġi kommemorat sal-lum fin-noti Re, Mi, Fa, Sol u La.

W.F. Bellizzi.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM
Irrikorru:
VITAFOAM MALTA LIMITED
Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76

HSIEB SPIRITWALI

IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ

Hemm qawl Ingliż (ma nafx li hemm wieħed bil-Malti li għandu l-istess ħsieb) li jgħid "a little knowledge is a dangerous thing", jiġifieri li meta wieħed ikun jaf ftit fuq xi suġġett partikulari jkun jinsab fil-periklu li jaħseb li jaf biżżejjed meta fil-fat ikun jaf ftit wisq jew kważi xejn. Dan igħodd għas-suġġetti kollha, għall-fergħat kollha tal-għerf jew xjenza. Jiena ser nipprova nuri kemm igħodd għall-aqwa xjenza: il-katekiżmu.

Ftit ilu għamilt l-eżami lit-tfal li għamlu l-Ewwel Tqarbina, u ma stajtx ma naħsebx kemm minn dawn it-tfal, wara li jagħmlu l-'preċett', ma jibqgħux imorru għad-duttrina kuljum il-MUSEUM, jekk qatt marru. Komplejt naħseb li dawn it-tfal għad iridu jgħaddu tlieta, erba' snin oħra biex jirċievu l-Griżma (ma ninsewx li l-eta' għall-Griżma hija issa għaxar snin), u min jaf kemm minnhom ser ikunu mhejjija tajjeb biżżejjed għaliha. Min jaf kemm ikun hawn ġenituri li fl-intervall bejn l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ma jibagħtux 'l uliedhom għad-duttrina, imbagħad jippretendu li t-tfal tagħhom jirċievu l-Griżma bħat-tfal l-oħra, sempliċiment għax għandhom l-eta' meħtieġa. Dan ikun żball kbir, u kbir ħafna. Għaliex x'tistenna minn tfal li tgħallmu l-katekiżmu biss bil-ħsieb (min-naħa tal-ġenituri tagħhom) li jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma? Dawn jikbru bl-idea f'rashom li t-tagħlim tal-katekiżmu għandhom bżonnu biss biex igħaddu mill-'eżami' għal dawn iż-żewġ sagramenti ... imbagħad ikunu jafu ħafna, jafu biżżejjed.

In-nuqqas tat-tagħlim tal-katekiżmu fil-kbar ġa huwa pjaga kbira biżżejjed f'pajjiżna, u din il-pjaga ser tkompli tikber 'il quddiem. Kull min għandu ftit tal-melħ jaf li n-nuqqas ta' tagħrif tar-reliġjon, imsieħeb mal-permissivita' li dieħla f'Malta b'passi ta' ġgant, ser ikun ir-rovina taċ-ċivilta' nisranija ta' għoxrin seklu tal-poplu tagħna. Biżżejjed wieħed jiftakar it-twissijiet serji u mħassbin ta' l-Arċisqof fil-Pastorali tar-Randan ta' din is-sena.

Ma nistax ma ninnotax, għax għandi għajnejn biex nara u moħħ biex naħseb, kemm naqsu n-nies, per eżempju, għall-Eżerċizzi tar-Randan; kemm minn dawk li jkunu jisimgħu l-quddies tal-Ħadd ma jkunux moħħhom hemm waqt l-omelija, anke jekk tkun qasira u interessanti; kemm qiegħed jiżdied il-għadd ta' dawk li ma jisimgħux quddies fil-Ħdud u l-festi; kemm hawn injoranza fil-kbar fl-aktar tagħrif elementari u sempliċi, fil-veritajiet l-aktar fondamentali tar-reliġjon.

Imma aħjar biżżejjed. Darb' oħra naraw x'nistgħu nagħmlu biex infejqu din il-pjaga.

Il-Kappillan

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Membri ġodda tal-komunita' parrokkjali bil-Magħmudija:
Ann Zammit Montebello bint Alfred u Carmen, imwielda fis-16 ta' Marzu.
Roland Cachia, bin Joseph u Mary, fis-17 ta' Marzu.
Joseph Stuart Abela, bin Felix u Lilian, fid-29 ta' Marzu.
Matthew John Pisani, bin Marcel u Adelina, fis-7 ta' April.
Rhoda Saliba, bint Sino u Marthese, fl-14 ta' April.
Mariella Borg, bint Reno u Antoinette, fis-17 ta' April.
Maureen Gauci Maistre, bint Godfrey LL.D., u Joan, fit-22 ta' April.
Ivan Portelli, bin Joseph u Katie, fit-8 ta' Mejju.

Ingħaqdu fl-imħabba fil-komunita' parrokkjali tagħna:
Dr. Geoffrey Valenzia LL.D., u Helen Pullicino, fit-30 ta' Marzu.
Carmelo Pace Gasan u Catherine Zahra, fil-5 ta' April.
Nazareno Abela u Margaret Agius, fis-17 ta' April.
Anthony Aloisio u Grace Muscat, fl-24 ta' April.

Infirdu mill-komunita' tagħna:
Ġużeppi Grech, fis-16 ta' Marzu.
Salvu Cutajar, fid-29 ta' Marzu.
Maria Mallia, fit-23 ta' April.
Mary Attard, fit-3 ta' Mejju.

SER TIŻŻEWWEĠ?
SER TITGHARRAS?
SER TAGHMEL XI PARTY?
IS-SALA
AURORA
HIJA L-POST IDEALI GHALIK
BOOKINGS GHAND IL-KAPPILLAN
TEL. K. 42614

FESTA LITURGIKA TA' MARIJA ANNUNZJATA

Din is-sena, bħal fis-snin l-imgħoddija, ir-raħal tagħna fakkar il-festa liturġika tal-Patruna tagħna Marija Annunzjata, bid-differenza biss li din is-sena din it-tifkira saret nhar is-7 t'April, billi l-25 ta' Marzu kien jaħbat fil-ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira.

Sa minn jum qabel il-qniepen sbieħ tal-Parroċċa tagħna bdew id-daqq ferrieħi tagħhom biex iħabbru l-jum kbir tal-festa ta' l-Inkarnazzjoni kif ukoll biex isejħu lill-fidili għas-servizzi reliġjużi li saru fit-tempju tagħna. Ma naqsux il-funzjonijiet li soltu jsiru f'dan il-jum fil-Parroċċa tagħna, u lanqas ma naqset il-quddiesa li ssir fil-Parroċċa l-qadima, jiġifieri fil-knisja tal-Lunzjata ż-żgħira, li ħafna Balzanin iħobbu jattendu għaliha tant li jimlew mhux biss il-knejsa imma jkun hemm ukoll oħrajn li jkollhom jikkuntentaw ruħhom li joqogħdu fuq iz-zuntier.

Ħal Balzan f'dan il-jum ħa dehra ta' festa billi minn filgħodu kmieni l-bnadar dehru jperpru maż-żiffa fuq l-arbli tal-każini u fuq oħrajn ta' djar privati. Meta mbagħad id-dalma tal-lejl ħakmet ir-raħal tagħna nxtegħlu l-arbli bid-dawl elettriku u ħafna kienu dawk il-gallariji li kellhom il-bozoz jixegħlu, għal-kemm dawn setgħu kienu aktar numerużi.

Għall-ħabta tat-tmienja ta' fil-għaxija, wara l-funzjonijiet tal-knisja, il-Banda 'San Gabriel' tar-raħal tagħna, bl-inizjattiva tal-każin li jġib l-istess isem, kienet lesta fuq iz-zuntier tal-knisja biex tibda l-marċi u hekk tferraħ it-toroq tar-raħal tagħna. Il-Banda allegrat it-toroq mnejn tgħaddi l-purċissjoni, jiġifieri niżlet l-ewwel in-naħa t'isfel tar-raħal u mbagħad kompliet daret mit-toroq tan-naħa ta' fuq.

Dan il-marċ kien fiħ tassew gost. Ma' tulu kien jinstema' l-isparar tal-logħob tan-nar ta' l-ajru, u ż-żgħażagħ tagħna li attendew b'numru tassew sabiħ komplew tawh il-ħajja. Min jaħraq xi suffara minn hawn, min jaħraq xi fjamma minn hemm, u kultant kont tara wkoll xi suffarell jaħrab lejn is-sema donnu segwit minn xi għadu u mbagħad wara li juri ruħu sewwa jinħeba fid-dalma tal-lejl. Kien fiħ verament għaxqa dan il-marċ meta tara lil dawk iż-żgħażagħ kollha miġburin flimkien għax dak in-nhar kienet il-festa tal-Patruna tal-Balzanin kollha. Ilkoll kienu ferħana. Ilkoll ħadu gost. Ilkoll iddevertew u xxalaw f'dan il-jum li jferraħ il-qalb ta' kull veru Balzani.

Balzanin! Balzanin, u b'mod speċjali intom iż-żgħażagħ tagħna, li intom l-irġiel ta' għada, ibqgħu dejjem qalb waħda u fehma waħda, kif kontu fil-marċ ferrieħi f'jum il-festa tal-Patruna tagħna. Ħabirku u aħdmu dejjem iżjed biex inkabbru l-festa li nagħmlu għall-unur tal-Patruna tagħna, li l-antenati tagħna kienu tant għaqlin f l-għażla tagħhom meta tawna l-kbira Omm Alla Marija, taħt it- titlu sabiħ ta' l-Annunzjata, bħala t-titular tal-Parroċċa tagħna.

Valentino Muscat

ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal għeżież,

F'din il-ħrafa tal-lum ser nitgħallmu kemm hu minnu l-qawl li kienu jgħidu missirijietna illi "il-giddieb għomru qasir".

Baħri kellu bħala ħabib tiegħu xadin li kull fejn kien imur kien jieħdu miegħu.

Darba f'maltempata kbira l-vapur għereq u l-baħri ntefa' l-baħar igħum biex forsi jsalva ruħu.

Ix-xadin, xejn inqas minn sidu, beda jgħum ukoll biex forsi jirnexxilu jitla' fuq xi blata.

Hekk kif kien jitħabat mal-mewġ lemħu denfil (ħuta kbira), li meta rah fil-periklu li jitlef ħajtu ġera għal taħtu u filwaqt li refgħu fuq dahru beda riesaq lejn port kbir fil-Greċja li jismu 'Piraeos'.

"Tafu xejn dan Piraeos?" staqsa d-denfil lix-xadin. Ix-xadin, li mhux l-ewwel darba li kien igħid ħaġa b'oħra, ħaseb li dan Piraeos kien xi bniedem kbir u magħruf ta' dak iż-żmien, u biex juri lid-denfil li hu kien ġej minn nisel għoli qallu: "U żgur li nafu, dak jiġi minni!!"

Id-denfil induna li x-xadin kien qed jipprova jgħaddi ż-żmien bih, għax ebda bniedem ma jista' jkollu port jiġi minnu.

"Iva, jiġi minnek!" wieġbu kollu rrabjat id-denfil. "Mela ħa nieħdok ħdejh malajr!" U filwaqt li qabad lix-xadin minn idu għodos bih fil-qiegħ tal-baħar sakemm għarrqu.

Tfal, kunu dejjem lesti li tgħidu l-verità, ukoll jekk tisswielkom xi tbatija. Min jieħu l-isem li hu giddieb kulħadd jibqa' jżommu b'hekk, ukoll meta jkun qed igħid dak li hu veru. Ġesu' għallimna li fejn għandna ngħidu 'iva' ngħidu 'iva', u meta għandna ngħidu 'le' ngħidu 'le'.

RINGRAZZJAMENT


Nirringrazzjaw minn qalbna lil dawk kollha li offrew l-għajnuna finanzjarja tagħhom għall-gazzetta, b'mod speċjali lill-Konti Frans Manduca Azzopardi għas-somma sabiħa ta' £M5. Infakkru li għalkemm il-gazzetta titqassam b'xejn, b'danakollu kull offerta, imqar żgħira, tintlaqa' bil-ferħa.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Inħossuna diżgustati ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompetizzjonijiet tagħkom, u b'mod speċjali fl-aħħar waħda li għamilnielkom li, naħsbu, kienet ta' interess mhux biss għalikom iż-żgħar imma anke għalina l-kbar. Tfal, ftit aktar interess min-naħa tagħkom jagħmlilna ħafna aktar kuraġġ fix-xogħol tagħna.

Għal din id-darba lestejnielkom tisliba. Ix-xogħol tagħkom huwa li timlewha skond ma għandkom hawn taħt. Meta tkunu mlejtu l-vojt kollu, minn fuq tat-tisliba fil-kaxxi mmarkati b'iswed skur għandkom issibu isem li għandu x'jaqsam mal-festa titulari tagħna, għax minħabba fiH Alla l-Imbierek għażel 'il Marija biex tkun l-Omm Tiegħu.



1. **Nitolbok .... jekk offendejtek.**
2. **Jintlibes fir-riġlejn.**
3. **Kunjom.**
4. **Dawn jagħmlu l-faċendi fid-djar għall-ħlas.**
5. **Wieħed li jħobb jixxala.**
6. **Dan tajjeb ħafna fis-sajf.**
7. **Kelma oħra flok 'irmew'.**
8. **Dan ibigħ l-affarijiet b'irkant.**

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 21 ta' Ġunju, 1975.

* * *

Billi għall-aħħar kompetizzjoni daħlu biss tifel u tifla, ħassejna li għandna nagħtuhom premju kull wieħed. Huma osservaw ħafna tibdiliet fil-knisja tagħna mir-ritratt li ppubblikajna. It-tfal rebbieħa huma: Tony Falzon, li joqgħod 9, Sqaq 2, Triq il-Providenza; u Sandra Mifsud, li toqgħod 13, Triq San Valentinu.

Lil dawn nieħdu ħsieb nibagħtulhom il-premju.

F'Egħluq l-400 Sena mit-Twaqqif tal-Fratellanza tas-SS.MU SAGRAMENT f'Ħal Balzan

HASSEJT LI HIJA ĦAĠA XIERQA LI F'DIN IL-Ħ A R Ġ A TAL-GAZZETTA TAGĦNA, LI QED TIDHER QRIB IL-FESTA SOLLENNI TAL-ĠISEM IMQADDES TA' ĠESU', NAGĦTI XI TAGĦRIF DWAR IT-TWAQQIF TAL-F R A T E L L A N Z A TAS-SANTISSMU SAGRAMENT, LI F'DIN IS-SENA TAGĦLAQ 400 SENA MINN META TWAQQFET.

Fl-ewwel Viżta Pastorali li saret mill-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietru Duzina lil Ħal Balzan nhar l-1 ta' Frar 1575, minbarra l-ilmenti li saru min-nies tal-post, l-aktar dwar amministrazzjoni ta' sagramenti u wkoll dwar dfin u ħlas, billi Ħal Balzan kien għadu jagħmel mal-Parroċċa Matriċi ta' Birkirkara, saret ukoll talba lil Mons. Duzina sabiex titwaqqaf il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament. Il-Viżitatur Apostoliku aċċetta li jwaqqaf din il-fratellanza dak in-nhar stess u talab li l-fratelli jibdew jakkumpanjaw lis-SSmu. Sagrament meta jittieħed lill-morda, u wkoll jakkumpanjaw lill-mejtin. Fir-relazzjoni ta' din il-Viżta nsibu li l-ewwel fratelli kienu: Pietru Borg, Lawrenz Galea, Lawrenz Borg, Pietru Zarb, Vincenzo Micallef, u Ġużepp Borg. (1).

It-twaqqif ta' din il-fratellanza minn Mons. Pietru Duzina nsibuh ikkonfermat fir-rikors li tressaq f'isem il-poplu ta' Ħal Balzan lill-Isqof Balaguer nhar id-19 ta' Marzu 1655 miż-żewġ prokuraturi, il-Kjeriku Marco Antonio Chetcuti u Pietru Micallef. (2)

F'Marzu tal-1656 insibu lill-Kappillan Dun Adrijanu Zarb jiddikjara li dejjem wettaq l-obbligu tal-quddies kantat fl-anniversarji tal-Fratellanza tas-SSmu. Sagrament. (3)

"Eċċellenza Reverendissima,

Pawlu Liċinju Micallef, fil-kwalita' tiegħu Kappillan u Rettur tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan, umilment igħid li l-Veneranda Konfraternita' tas-SSmu. Sagrament ta' l-imsemmija Knisja ġiet imwaqqfa fl-1575 minn Monsinjur Duzina Viżitatur Apostoliku, li 'l quddiem ġiet ikkonfermata mill-A w t o r i t a' skond id-Digriet tat-22 ta' Mejju 1669 kif jidher minn dawn id-digrieti mehmużin ma' dan ir-rikors.

Peress li din il-fratellanza ma jidhirx li għandha regoli approvati mill-Awtorita', u li r-rikorrent għandu ħerqa biex jinkiseb il-ġid fost il-Parruċċani tiegħu, ħaseb li jifformula l-istatuti u r-regoli biex tista' titmexxa aħjar din il-Fratellanza. Għalhekk jitlob umilment lill-Eċċ. Tiegħek Rev.ma. li bl-Awtorita' tapprova u tikkonferma dawn l-istatuti u regoli biex jiġu mħarsa mill-imsieħbin tal-Fratellanza."

Fost il-ħmistax-il regola hemm li min jinkiteb irid ikollu 15-il sena u jkun ta' ħajja eżemplari. Ma jistax jinkiteb fil-fratellanza min ma jagħmilx il-preċett tal-Għid, jew li jkun ta' ħajja ħażina u skandaluża, jew li kien ikkundannat il-ħabs. Il-Professjoni ssir fit-tielet Ħadd tax-xahar jew f'festa tas-SSmu. Sagrament. Il-fratelli (irġiel u nisa) jieħdu sehem fil-vjatki, f'purċissjonijiet u f'kull funzjoni li fiha jkun hemm is-SSmu. Sagrament, u wkoll fil-purċissjonijiet ordnati mill-Isqof u f'dawk kollha li jsiru fil-Parroċċa. Il-fratelli jakkumpanjaw ukoll lil sħabhom li jmutu, u f'ħajjithom għandhom jgħinu 'l xulxin spiritwalment u materjalment. Kull min jinkiteb fil-fratellanza ried iħallas xelin għad-dħul u sikspenz kull sena.

Dawn l-istatuti u regoli ġew ippreżentati lill-Isqof Mons. Publiju Marija Sant nhar il-15 ta' Ottubru 1857. Il-Vigarju Ġenerali M o n s. Vincenzo Chapelle nhar is-7 ta' Novembru ta' dik is-sena talab li tiġi emendata regola minnhom skond it-termini dwar il-fratellanzi tas-Sinodu Djoċesan. (7).

B'digriet ta' l-Isqof Mons. Gaetano Pace Forno tat-18 ta' Awwissu 1862, ingħata l-permess li anke l-mejtin jistgħu jiġu miktuba f'din il-fratellanza tas-SSmu. Sagrament.

Il-Kappillan Dun Ġużepp Salnitro ġieb il-permess ta' l-Isqof Mons. Carmelo Scicluna nhar l-10 ta' April 1876 biex lejlet il-quddiesa kantata li ssir fl-ottavarju tal-Għid ta' l-Imwiet jitkanta l-uffiċċju tal-mejtin b'sitt qassisin u l-fratelli libsin bil-kunfratija jgħidu r-Rużarju madwar it-tubru. (8)

jikteb Dun Ġwann Dimech, Kappilan Maġistrali S.M.O.M.

Fir-relazzjoni tal-Viżta li l-Vigarju Ġenerali Mons. Alexander Bologna għamel nhar is-26 ta' Ġunju 1662 insibu: "li fil-k n i s j a ta' l-Annunzjata hemm imwaqqfa l-Fratellanza tas-SSmu. Sagrament u hi komposta minn erbatax-il raġel. Dawn il-fratelli jilbsu konfratija bajda u muzzetta ħamra. Il-prokuraturi ta' din il-fratellanza huma Duminku Sammut u Antonio Cilia". (4)

Fir-relazzjoni tal-Viżta ta' Mons Isqof Luqa Bueno tat-30 ta' Diċembru 1667 insibu li l-prokuratur hu Klement Muscat, u li l-Veneranda Fratellanza tas-SSmu. Sagrament għandha, fost ħwejjeġ oħra, standard aħmar, kurċifiss kbir tal-purċissjonijiet, żewġ lanterni ndurati, erba' torċi, dvalja tal-lama ħamra bil-bizzilla tad-deheb, oħra tas-satin aħmar, u oħra tal-ħarir bil-bizzilla tad-deheb. (5)

Il-Kappillan Dun Duminku Ellul flimkien mal-prokuraturi tal-fratellanza Klement Muscat u Ġanni Debono bagħtu rikors fejn talbu li jingħataw l-indulġenzi annessi mal-Fratellanza tas-S S m u. Sagrament mogħtijin mill-Q.T. il-Papa Piju V. Dan ir-rikors ġie mogħti fil-Kurja fit-22 ta' Mejju 1669. (6).

Rikors dwar il-Fratellanza tas-SSmu. Sagrament ta' Ħal Balzan intbagħat lill-Kurja ta' l-Isqof fis-sena 1857. Ir-rikors igħid hekk:

Referenzi:

(1) Duzina P. — Visit Past. fol. 69.
(2) Balaguer M.J. — fol. 161.
(3) Ark. Par. — Lib. 2 p. 140
(4) Balaguer M.J. — fol. 224
(5) Bueno L. — fol. 23.
(6) Ark. Par. — Lib. 58.
(7) Ibid.Cit. — " "
(8) Ibid. Cit. — " "

ORGNI ĠDID GĦALL-KNISJA PARROKKJALI


Nhar it-13 t'April li għadda, iżżanżan orgni ġdid elettroniku għall-Knisja Parrokkjali. Dan l-orgni nxtara mingħand id-ditta Nani tal-Belt u sewa ftit anqas minn £M300. Din is-somma tħallset mill-flus tas-Sala Parrokkjali. L-orgni llum qiegħed jintuża ħafna fil-liturġija tal-knisja l-aktar biex jakkumpanja l-kant tal-fidili fil-funzjonijiet reliġjużi.

Nittamaw li dan l-orgni l-ġdid isir użu sħiħ minnu, l-aktar fil-quddies tal-Ħdud u l-festi; imma nittamaw ukoll li dan l-orgni ma jieħu b'ebda mod post l-orgni l-kbir fil-festa titulari u f'festi oħra prinċipali tar-raħal.

PAWLU GRIMA – 20 SENA PRESIDENT TAL-KAŻIN MARIJA ANNUNZJATA

Hija ħaġa magħrufa li f'kull raħal jew belt ikun hemm dawk il-ftit nies li billi jieħdu interess aktar minn ħaddieħor f'kull ma jiġri u billi jkunu minnhom infushom 'public spirited' issibhom minħabba l-istess ħidma tagħhom jilħqu karigi mportanti fir-raħal jew belt tagħhom. Ħal Balzan ukoll mhux nieqes minn nies bħal dawn, u wieħed minn ta' quddiem minnhom huwa proprju s-sur Pawlu Grima, li din is-sena jagħlaq 20 sena President tas-Soċjeta' Marija Annunzjata.

Is-Sur Pawl Grima twieled fis-7 ta' Diċembru 1935 f'Birkirkara minn Antonio Grima u Evangelista Chetcuti. Huwa ġie mgħammed fil-Knisja Kolleġġjata ta' Sant'Elena bl-ismijiet ta' Pawlu, Francesco u Valentino. Huwa miżżewweġ lis-Sinjura Carmen Sciberras u għandhom tifel jismu Tonio.



Is-Sur Pawlu Grima jidher qed jaħdem fuq waħda mill-bandalori l-ġodda.

Huwa għamel l-ewwel studji tiegħu fl-Iskola tal-Gvern ta' Ħal Balzan u Ħal Lija minn fejn għadda għal 'Pace's School of Commerce' tal-Belt. Insibuh imbagħad ikompli jistudja d-disinn fl-iskola tal-Manifattura u Kummerċ fil-Belt ukoll.

Lil Pawlu nsibuh jiddedika ħajtu lil Ħal Balzan sa mic-ċokon tiegħu. Huwa beda jagħti l-għajnuna tiegħu fil-parroċċa tagħna billi kien abbati. Dak iż-żmien l-abbatini ma kinux iżjed minn ħamsa, u allura kont tarah iqum kmieni kmieni biex igħin il-Quddies u jieħu sehem f'kull funzjoni li kienet issir fil-knisja parrokkjali. Aktar ma beda jikber aktar beda jinteressa ruħu fl-għaqdiet tal-parroċċa, tant li bħala membru fiċ-Ċirkolu Kristu Re, ma' xi oħrajn bħal Victor Bartolo, Joseph Caruana, John Buhagiar, u xi wħud oħra, kien imidd idejh fix-xogħol tax-xenarju tal-palk u kien ukoll wieħed minn dawk li jaħdmu fit-tejatrin.

Dak iż-żmien il-Każin San Gabriel kien beda jarma l-karrijiet tal-karnival, u lil Pawlu Grima nsibuh ukoll f'dan il-qasam iħabrek biex ix-xogħol ikun mill-aħjar, flimkien ma' Gabriel Caruana, Alfred Muscat u diversi membri ta' l-istess Każin. Fis-sena 1954 huwa ssieħeb fil-Każin Marija Annunzjata wara li kien ġie avviċinat mis-Sur Pietru Fenech u mis-Sur Pawlu Pullicino biex ikun membru ta' l-istess Soċjeta'. Hekk kif is-sur Pawl daħal membru huwa beda jagħti l-kontribut tiegħu billi, ma' diversi membri oħra, huwa beda jdur l-armar tal-festa.

Huwa mill-ewwel kiseb il-fiduċja ta' din is-Soċjeta' tant li bil-kemm kien għadu daħal fil-Każin li ma nħatarx membru tal-kumitat, fejn issa proprju din is-sena għalaq għoxrin sena bħala President. Fis-Sur Pawlu Grima aħna naraw bniedem eżemplari u ta' kuxjenza retta fi kwalunkwe ħaġa li huwa jkun imdaħħal fiha. Fiż-żmien kemm ilu President is-Sur Pawl, il-Każin Marija Annunzjata ħa dehra ġdida u saru bosta opri li sebbħu u żejnu l-każin. Huwa kien dejjem minn ta' quddiem u nsibuh imdaħħal f'kull attivita' tal-każin.

Kif jiġri ħafna drabi linnies li jilħqu pożizzjonijiet importanti fil-belt jew raħal tagħhom, is-Sur Pawlu Grima għadda mill-isfera parrokkjali għal dik aktar nazzjonali billi ħareġ kandidat elettorali ma' wieħed mill-partiti ewlenin tal-pajjiż. F'dak li huwa l-qasam politiku, is-Sur Grima ta wkoll il-kontribut siewi tiegħu, l-aktar f'dak li hu tittjib ta' l-ambjent f'Ħal Balzan.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-festa ma rridx ninsa nsemmi li s-Sur Pawl is-sena l-oħra kien ħadem sett pavaljuni ġodda għan-naħa t'isfel tar-raħal u dawn sebbħu wisq it-triq prinċipali. Din is-sena wkoll is-Sur Pawlu Grima qed jaħdem bla heda fuq sett ta' erbgħa w għoxrin bandalora oħra li hemm il-ħsieb jiżżanżan dis-sena fil-Pjazza u fi Triq Idmejda. Dawn qed isiru fuq l-istess disinn tal-pavaljuni. Id-disinn huwa tas-Sur Grima stess u huwa kien mgħejjun mis-Sinjura tiegħu.

Is-Sur Pawlu Grima ma jillimitax l-attivita' tiegħu għal Ħal Balzan biss, għax hawn diversi rħula u bliet oħra li sabuh ta' għajnuna mhux żgħira. Aħna nifirħulu minn qalbna tal-ħidma t i e g ħ u, b'mod speċjali f'din is-sena meta għalaq 20 sena President ta' wieħed mill-Każini ewlenin tar-raħal, u nitolbuh ikompli fil-ħidma tiegħu anzi jkattarha l-aktar għall-ġid tal-Balzanin kollha u tar-raħal sabiħ tagħna li huwa tant għal qalbu u għal qalbna.

Charles Attard

ARS VITREA

Prop. JOSEPH LICARI

MANUFACTURERS OF MIRRORS
ENGRAVERS AND SAND BLASTERS ON GLASS
BEVELLERS AND POLISHERS OF GLASS

245, FLEUR DE LYS ROAD, BIRKIRKARA
Telephone: 40323 Cables: Jolica-Malta